



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Mejju 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0131(COD)

9371/1/23
REV 1 ADD 1

MIGR 166
JAI 649
ASIM 60
EDUC 167
EMPL 210
CODEC 909
SOC 327

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	8580/22 + ADD 1 - ADD 4
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (riformulazzjoni) - Approċċ ġenerali - Dikjarazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża dikjarazzjoni mill-Ungerija dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill (Affarijiet Interni) fit-8 ta' Ġunju 2023. Id-dikjarazzjoni ser tiddaħħal fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru (riformulazzjoni)

2022/0131(COD)

- DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA -

L-Ungerija tixtieq tenfasizza l-apprezzament tagħha għall-isforzi tal-Presidenza biex issib kompromess fil-Kunsill dwar ir-riformulazzjoni.

Madankollu, għad hemm elementi fil-proposta li mhumiex konformi mal-pożizzjoni tagħna. Aħna kontra l-isforzi biex iħeġġu l-mobbiltà tal-ħaddiema fi ħdan l-Istati Membri, li toħloq sfida serja għall-pajjiżi tar-reġjun tagħna. Ir-riformulazzjoni tad-Direttiva tkompli tirrestrinġi l-ispazju għall-immanuvrar, partikolarment fir-rigward tal-possibbiltà li jinbidel l-istatus u li jiġu permessi perjodi ta' qgħad.

Il-kompetenzi nazzjonali għandhom jinżammu biex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet ikunu jistgħu jwieġbu b'mod flessibbli għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-bidliet fihom, filwaqt li jitqiesu l-kondizzjonijiet ekonomiċi, ġeografiċi, kulturali u soċjali differenti. Inqis li huwa essenzjali li l-Istati Membri jitħallew fil-libertà li jiddeċiedu min jista' jidħol fit-territorju tagħhom biex jaħdem, taħt liema kondizzjonijiet u proċedura ta' ammissjoni. Għalhekk, nixtiequ nenfasizzaw il-pożizzjoni b'saħħitha tagħna li skontha l-Ungerija la tqis li hi meħtieġa u lanqas xierqa aktar armonizzazzjoni tar-regoli rilevanti fil-qasam tal-migrazzjoni legali, u f'dan ir-rigward nixtiequ ntennu l-pożizzjoni tagħna dwar il-migrazzjoni legali b'mod ġenerali.

Nagħrfu li l-kompromess li ntlaħaq huwa r-riżultat ta' negozjati xierqa, madankollu, għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq l-Ungerija tastjeni milli tadotta l-approċċ ġenerali.